# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLV**
**Illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Appell Nru 8/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Vella talli fid-29 ta' Dicembru, 1999 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Joseph Gatt, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Vella hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-Artikoli 252(1) u 383 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu multa ta' erbghin lira;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Joseph Vella, minnu ppresentat fid-19 ta' Jannar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi – konsistenti fid-deposizzjoni ta' Joseph Gatt – u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' April, 2001; ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrisulta li fl-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, l-appellant cempel u kellem bit-telefon lil Joseph Gatt. Fil-kors ta' dina l-konversazzjoni l-appellant insulenta aktar minn darba lil Gatt billi, fost affarijiet ohra, ghajjru mignun, qallu li l-mara tieghu ma kienitx fil-fatt il-mara tieghu, allega li huwa (Gatt) kien tkecca mix-xoghol, u qallu diversi kliem ohra ta' tghajjir u insulti. Mill-provi – senjatament mid-deposizzjoni tal-imsemmi Gatt – ma jirrisultax li l-kliem ingurjuz instema' minn xi terza persuna; din kienet konversazzjoni telefonika bejn l-appellant u Gatt biss.

L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati tar-reat ta' ingurja skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li "[K]ull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa". Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dik il-qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati skond dina d-disposizzjoni. Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali. Il-fatti li rrisultaw f'dan il-kaz kienu ghalhekk jinkwadraw ruhhom f'dan ir-reat kontravvenzjonali, u mhux fid-delitt kontemplat fl-Artikolu 252 imsemmi.

Issa, it-telefonata in kwistjoni sehhet fid-29 ta' Dicembru, 1999. Ic-citazzjoni relattiva harget biss f'Novembru tas-sena 2000, b'mod li fir-rigward tal-imsemmi reat kontravvenzjonali kienu ghaddew it-tlett xhur tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk f'dan il-kaz hemm lok ta' liberazzjoni fuq il-bazi tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur